

IL-KUMMISSJONI EWROPEA



Ministru
Kamra tad-Deputati
Il-Palazz
MT – VALLETTA CMR 2000

Brussell, 8.11.2013
C(2013) 7444 finali

Sur Speaker,

Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazza lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni Motivata tagħha dwar il-proposta għal Regolament fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet {COM(2013) 296 finali}.

Il-Kummissjoni tixtieq tgħid l-attenzjoni tal-Kamra tad-Deputati għall-fatt li aktar minn nofs it-traffiku li jgħaddi mill-portijiet huwa ta' rilevanza għall-UE kif ukoll ta' rilevanza transnazzjonali. Il-portijiet ġew irrikonoxxuti mil-leġiżlatur tal-UE bħala parti integrali min-netwerk trans-Ewropew. Il-portijiet jaqdu rwol ewlieni fit-trasport bil-baħar fuq distanzi qosra u għalhekk huwa essenzjali li jiġu żviluppati skambji bejn l-Istati Membri fis-suq intern, partikolarment skambji maż-żoni periferiċi u l-gżejjer. Fl-akħħar iżda mhux l-inqas, il-portijiet tan-netwerk trans-Ewropew diġà qed jikkompetu ma' xulxin fuq il-fruntieri fi ħdan l-UE.

F'dan il-kuntest, biex jiġu attrati l-investituri jeħtieġ li tkun żgurata kompetizzjoni bla distorsjonijiet bejn il-portijiet tan-netwerk trans-Ewropew, inkluż bejn dawk li jinsabu fi Stati Membri differenti. Billi l-portijiet tan-netwerk trans-Ewropew jinsabu fi Stati Membri differenti, dan ma setax jintlaħaq mill-Istati Membri weħidhom u għalhekk tressqet il-proposta li jiġu introdotti regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja, li huma prerekwiżit għall-applikazzjoni effettiva tal-politika dwar l-għajjnuna mill-Istat.

Skont l-opinjoni motivata tal-Kamra tad-Deputati, l-azzjonijiet fil-livell Ewropew għandhom ikunu ta' natura mhux leġiżlattiva minħabba n-natura kompetittiva tas-settur. Azzjonijiet mhux leġiżlattivi bħal dawn f'forma ta' gwida mhux vinkolanti, fil-fehma tagħha, jipprovdū c-ċertezza ġuridika mixtieqa. Madankollu huwa preċiżament minħabba n-natura kompetittiva qawwija tas-settur, flimkien mal-karatru transnazzjonali tiegħu, li huma meħtieġa regoli komuni fil-livell Ewropew biex tkun żgurata kompetizzjoni bla distorsjoni bejn portijiet li jinsabu fi Stati Membri differenti.

Is-Sur Anglu FARRUGIA

Speaker tal-

Kamra tad-Deputati

Il-Palazz

MT – VALLETTA CMR 2000


Barra minn hekk, min-natura tagħha, gwida mhux vinkolanti tal-Kummissjoni ma tistax tipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa mill-operaturi li jkunu jridu jidħlu fis-suq tas-servizzi tal-portijiet. F'każ ta' tilwima legali, il-legalità tas-sitwazzjonijiet individwali fir-rigward tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tista' tiġi kkonfermat biss mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq bażi ta' każ b'każ.

Fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta {SWD(2013) 181}, sar paragun bejn il-prestazzjonijiet ta' kampjun kbir ta' portijiet Ewropej u żvela differenza kbira bejn il-portijiet bi prestazzjoni għolja u dawk bi prestazzjoni baxxa. Studju aktar riċenti li kklassifika l-portijiet tad-din ja skont kemm huma effettivi fil-moviment tal-merkanzija skont id-daqs tagħhom, li sar fuq il-bażi tad-dejta mibgħuta mil-linji ta' tbaħħir, ikkonferma wkoll il-prestazzjoni relattivament fqira tal-portijiet tal-UE meta mqabbla ma' portijiet f'reġjuni oħra tad-dinja.¹

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tixtieq ukoll tiġbed l-attenzjoni li din il-proposta hija minquxa fl-Att dwar is-Suq Uniku II li kien approvat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2013 bħala parti mill-istratgeġja tat-tkabbir tal-UE. L-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament hija wkoll meħtieġa biex tiġi żgurata l-implementazzjoni mingħajr xkiel u b'suċċess tal-Linji Gwida l-ġodda tat-TEN-T u tal-strument finanzjarju “Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa” mis-sena 2014.

Il-Kummissjoni tittama li dawn il-kjarifikasi jindirizzaw il-preokkupazzjonijiet imqajma mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ġerqana li tissokta bid-djalogu politiku fil-ġejjieni.

Għoddni dejjem tiegħek,



Maroš Šefčovič
Viċi President

¹ "Key Findings On Terminal Productivity Performance Across Ports, Countries And Regions" The JOC Group Inc, Lulju 2013
http://www.joc.com/sites/default/files/u59196/Whitepapers/Port_productivity/portProductivity_whitepaper.pdf